**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Novembru, 2016**

**Rikors nru: 370/2002 MLF**

**Leonard Incorvaja**

**Vs**

**Manwel Camilleri u Carmelo Camilleri, u b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2006 gie kjamat in kawza d-Direttur tal-Artijiet, u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015, assumew l-atti tal-kawza, minflok il-mejjet Manwel Camilleri, Carmelo Camilleri, Mariella Debono u Salvatore Camilleri**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati li jizgombraw, jirrilaxxjaw u jhallu battal affavur tieghu l-ghalqa maghrufa "Ta' Dar il-Hmar", u r-Razzett li hemm fiha maghruf bhala "Ta' Skaramb", proprjeta tieghu, li jinsabu kuluriti bir-roza fuq l-annessa pjanta Dok "A", fl-inhawi tal-Brolli, limiti ta' Birzebbugia, li huma qed jokkupaw

minghajr titolu validu fil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw l-istess ghalqa u razzett minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 2002, kontrihom.

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur, senjatament dik ta' danni.

Ghal fini tal-kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix il-Lm100 fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru stante li huma m'humiex l-unici persuni li jokkupaw b'titolu validu fil-ligi l-ghalqa u r-razzett in kwistjoni;
2. Illi fil-mertu mhux minnu li l-attur huwa sid tal-istess ghalqa u razzett stante li l-istess huma proprjeta' tal-Gvern u hemm relazzjoni valida bejn il-Gvern, il-konvenuti u ohrajn;
3. Illi l-istess ghalqa u razzett ilhom fil-pussess tal-konvenuti bl-istess titolu ghal aktar minn sittin sena u dana kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-attur ilu jaf b'dan peress li huwa jidher li ghandu raba' vicin u qatt ma mmolesta lill-konvenuti fil-pussess;
5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn jekk jirrizultaw it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez b'kollox;
6. Illi l-konvenuti jirrizervaw li jitolbu l-kjamata in kawza tal-Gvern li huwa sid l-ghalqa;

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru, 2003, fejn il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni.[1]

Rat li d-Direttur tal-Artijiet kjamat in kawza, debitament notifikat flimkien mal-Avukat Generali, naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u li jipprezentaw provi.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

[1]Ara verbal a fol.21 tal-process

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Manwel Camilleri u tal-attur. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut Carmelo Camilleri u l-kjamat in kawza id-Direttur tal-Artijiet ipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. In forza ta' kuntratt tas-6 ta' Lulju, 1979 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, l-attur xtara minghand Jerome de Piro d'Amico Inguanez *"ghalqa denominata "Tal-Brolli" fil-kuntrada tal-istess isem fil-limiti ta' Birzebbuga tal-kejl superficjali ta' circa tlettax-il elf erba' mija u disa' u tmenin metri kwadri (1389m2), tmiss mit-tramontana ma' beni ta' L'Ospizju Sant'Anna ta' Senglea, mil-lvant ma' beni tal-familja Apap Bologna u ohrajn in parti u in parti ma sqaq u min-nofs-inhar ma' beni ta' Paola Polidano, libera u franka"* Pero iktar l-isfel fil-kuntratt, il-partijiet iddijaraw li l-istess ghalqa hija mqabbla. Ma hemm l-ebda deskrizzjoni ohra ta' x'fiha l-ghalqa u lanqas giet annessa pjanta mal-kuntratt tal-akkwist. Ghal fini ta' provenjenza, jinghad li din l-ghalqa trasferita kienet giet assenjata lill-venditur fid-divizjoni ricevuta min-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona tal-31 ta' Lulju tal-1969.[2]
2. Wara li gie pubblikat il-kuntratt, Joseph Zammit Tabona, il-prokuratur tal-venditur, inkariga lil Perit Stephen Mangion sabiex jaghmel site-plan tal-ghalqa mibjugha lill-attur. Din is-site-plan hija esebita a fol.49 tal-process. Fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li kien Joseph Zammit Tabona li ta lill-Perit l-istruzzjonijiet u qallu x'ghandu jaghmel u fuq il-kejl.[3]
3. L-attur xehed li, parti mill-ghalqa kienet imqabbla lil Carmelo Bonnici, parti ohra kienet imqabbla lil Giuseppe Bonnici, u parti ohra lill-konvenuti. L-attur lahaq ftehim ma' Carmelo Bonnici u hariglu mill-ewwel habel (immarkat bil-kulur roza fuq pjanta DOK.IL3 esebita a fol.50 tal-process). L-attur fetah kawza kontra Giuseppi Bonnici dwar l-erbat ihbula mmarkati bl-ahdar fuq il-pjanta Dok. IL3 esebita a fol.50 tal-process. Meta rebah dina l-kawza talab lill-konvenut Manwel Camilleri biex johroglu

[2] Ara Dok IL1 a fol. 47-48 tal-process.
[3] Ara affidavit tal-attur a fol. 45 tal-process.

mir-razzett. Il-konvenut Camilleri informa lill-attur li l-ghalqa kienet imqabbla minghand il-Gvern.

4. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, Anthony Deguara xehed li l-ghalqa mikrija lill-konvenuti hija maghrufa bhala "Ta' Dar il-Hawt", fl-inhawi Ta' Brolli f'Birzebbugia, fil-vicinanzi tar-razzett *"Ta' Skaramb"* u ezebixxa kopja tal-pjanta ta' din l-ghalqa.[4]

5. Skond ix-xhud Anthony Deguara, fit-18 ta' Novembru 1864, il-Gvern kien ta' din l-ghalqa b'cens temporanju ta' 99 sena lil certu Felic Mifsud ghal 99 sena, u cioe' mis-sena 1864 sal-1963. Mill-kuntratt tat-18 ta' Novembru, 1864[5] tidher ukoll il-pjanta tal-ghalqa in kwistjoni.[6] Il-fotokopja ta' dan il-kuntratt ta' cens li esebixxa dan ix-xhud hija prattikament illeggibli, ghax hija fotokopja ta' fotokopja ta' kuntratt antik. partikolarment huma illegibbli d-denominazzjoni tal-ghalqa u l-provenjenza taghha. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li huwa deplorevoli li hadd mill-partijiet ma ndenja ruhu li jgib kopja legibbli ta' dan il-kuntratt.

6. Izda b'kuntratt ezebit mill-attur ippublikat fil-25 ta' Frar 1948, il-Gvern irrikonoxxa lil Moses Camilleri – missier il-konvenuti – bhala l-enfitewa temporanju ta' din l-ghalqa, stante li Moses Camilleri kien akkwista minghand Felic Mifsud ir-rimanenti utile dominium tal-ghalqa *"called Ta Burglaieh sive Ta' Sigrat" in the limits of Gudja measuring fourteen tomniet, five sieghan and three kejliet".* Din l-ghalqa hija l-istess ghalqa li kienet giet akkwistata minn Felic Mifsud minghand il-Gvern b'cens temporanju ta' 99 sena.[7]

7. Wara li skada c-cens, il-Gvern ta l-ghalqa bi qbiela lill-istess Moses Camilleri mill-1964 sas-sena 1972, li sussegwentement cediha lill-uliedu, u cioe' lill-konvenuti, li gew rikonoxxuti mill-Gvern. Mill-pjanta ezebita minn Anthony Deguara rapprezenant tad-Dipartiment tal-Artijiet (a fol. 25 tal-process) u mix-xhieda tieghu stess,[8] jirrizulta li inkluz fil-konfini ta' din l-ghalqa hemm razzett.

8. Il-konvenut Manwel Camilleri xehed illi l-art in kwistjoni kienet minn dejjem f'idejn missierhom u mbaghad giet f'idejh u f'idejn huh, il-konvenut l-iehor. Pero' jghid ukoll li sid l-art huwa l-Gvern u huma kienu jhallsu l-qbiela lilu. Dan il-konvenut jghid ukoll li l-art kien jafha wkoll kif deskritta fl-avviz cioe *"Ta' Dar il-Hmar"*, u li go

---

[4] Ara xhieda ta' Anthony Deguara a fol. 22 et seq. tal-process.
[5] Ara fol.37 tal-process.
[6] Ara fol. 37 *et seq.* tal-process.
[7] Ara kuntratt ezebit a fol. 143 *et seq.* tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Anthony Deguara a fol. 23 tal-process.

fiha kien hemm razzett, ghalkemm ma jghidx li kien jissejjah b'xi isem partikolari. Jghid li f'dan l-ahhar snin l-attur kien xtara art ohra appogg maghhom. Jghid ukoll li din l-art tal-attur kienet tinhadem minn Grezzju Bonnici u Carmelo Bonnici, pero s-sid ma kienx jaf x'jisimha. Jghid ukoll li la s-sidien tal-art li xtara l-attur u lanqas il-Gvern ma qatt kellmu lilu u lil huh biex johorgu mill-art.

9. Gew prodotti diversi pjanti, u meta xehed Alfred Farrugia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, Ghammieri, hu spjega li kellu jixhed fuq art li kienet barra minn dik indikata fit-tahrika[9]. Ghalhekk esebixxa pjanti ohra esebita a fol.67 tal-process, fejn ikkonferma li l-parti celesti, mill-10 ta' Lulju, 2002 gew registrati fuq Carmel Camilleri, u cioe' wiehed mill-konvenuti.
10. Victor Vella in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, jikkonferma li l-art in kwistjoni hija tal-Gvern. Jirreferi ghall-pjanti esebita a fol.80 tal-process u fejn hemm mmarkat viola u isfar, dik l-art kienet registrata fuq Carmelo Camilleri. Dwar il-parti tal-art immarkata 350A, l-istess xhud jikkonferma li din hija registrata ukoll fuq Carmelo Camilleri.
11. Fiona Grech, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura tikkonferma ukoll li l-parti tal-art mmarkata bl-isfar[10]. Dina l-art kienet ghal ewwel irregistrata fuq Manwel Camilleri (karta ta' identita' numru 555739M), imbaghad iz-zewgt ihbula gew registrati fuq Carmelo Camilleri (karta ta' identita' numru 606164M). Tghid li d-Dipartiment ma jzommx informazzjoni fuq irziezet.
12. Mis-site plan esebita minn Karl Borg, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, jirrizulta li l-parti delinejata bl-isfar giet rrifjutata bhala proprjeta' tal-attur u dan mill-estate management department. Il-bqija tal-art immarkata bl-ahmar fuq il-pjanti esebita a fol.129 tal-process tappartjeni lill-konvenuti. L-istess Dipartiment kien talab lill-attur itella' hajt divizorju.

Kif issottometta l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-azzjoni li qed jivvanta hija dik tal-*actio rei vindicatoria.* Ghalhekk, jinkombi fuqu l-oneru tal-prova illi huwa kien il-proprjetarju tal-ghalqa li tinsab fil-pussess tal-konvenuti, u li l-Gvern qed jghid li hi tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et. Vs. Emanuel sive Giuseppi Said et** deciza fl-1 ta' Lulju, 2005, il-Qorti tal-Appell irriteniet *inter alia* hekk fuq il-provi li

[9] Ara fol.70 tal-process.
[10] Ara fol. 42 tal-process.

ghandhom jingabu f'kawza *rei vindicatoria*: *"Min-naha l-ohra, jekk jirrizulta li l-konvenuti akkampaw ruhhom fuq l-eccezzjoni li l-proprjeta` posseduta minnhom kienet giet validament akkwistata minnhom huma jinhtiegilhom f'dak il-kaz jippruvaw l-allegazzjoni taghhom.*

*Decizjoni f'dan is-sens kienet dik fil-kawza fl-ismijiet* ***Grezzju Spiteri v. Catherine Baldacchino****, moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001, fejn intqal li, "Hija gurisprudenza kostanti illi fejn il-konvenut ma jiddefendix ruhu semplicement bil-pussess, u jinvoka favur tieghu t-titolu tal-proprjeta`, il-Qorti kellha tezamina t-titolu invokat minnu. Jekk il-konvenut imbaghad ma jirnexxielux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa' sokkombenti f'dik il-prova, huwa prekluz milli jinvoka favur tieghu l-pussess." (Ara Koll. Vol VII p267; XXXII – 1-735; XXXLVI – II 630; XLVI – 1 – 619)"*

*Dan peress illi l-pussess li huwa qed jippretendi li ghandu, jkun kollu bazat fuq it-titolu tal-proprjeta` li huwa akkampa. F'dan il-kaz il-Qorti trid tidhol f'ezami tat-titolu vantat mill-imharrek u tqis is-siwi tieghu bl-istess gharbiel li tqis it-titolu tal-attur rivendikant.*[11]

*(4) Fid-decizjoni in re:* ***Mary Rose mart Joseph Aquilina et v. Antonio Piscopo***[12] *intqal li meta l-konvenut jirreklama hu wkoll titolu ta' proprjeta` fuq l-art "gie permess, u dan anke fid-dritt Ruman, li l-ezami ma jkunx bazat fuq prova certa tat-titolu tal-attur, izda fuq wiehed komparattiv tat-titoli rispettivi tal-kontendenti. F'dan il-kaz, il-gudizzju ma jkunx wiehed ta' effett erga omnes bazat fuq prova certa tat-titolu tal-attur, izda inter partes, bazat fuq studju komparattiv tal-pretensjonijiet tal-partijiet."*

*Fl-istess decizjoni ntqal li l-principju li min ghandu titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr htiega li dak li jkun jipprova titolu assolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. It-teorija tal-"prova migliore" ghandha l-bazi taghha fid-Dritt Ruman u kienet tissejjah l-Actio Publiciana. Dan hu rimedju li gie moghti gharfien mill-Qrati taghna, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' gid minn idejn haddiehor.*[13] *Kwindi l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut.*

---

[11] *Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger – Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru, 2001.*

[12] *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Ottubru. 2003.*

[13] ara John Vella et v. Sherlock Camilleri, Qorti tal-Appell, 12 ta' Dicembru 2002; Benmar Company Ltd v. Charlton Saliba Prim Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Ottubru, 2003.

*Izda dik il-Qorti kompliet li –*

*"Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. ... ..."*

Fil-kaz odjern, il-konvenuti mhux qed jeccepixxu li huma ghandhom titolu ta' proprjeta fuq l-ghalqa in kwistjoni, ghax huma stess jammettu li t-titolu taghhom hu wiehed ta' qbiela u li s-sid tal-ghalqa huwa l-Gvern. Min-naha l-ohra, il-kjamat fil-kawza, id-Direttur tal-Artijiet baqa' kontumaci, pero kif huwa risaput il-kontumacja ma tfissirx ammissjoni tat-talbiet attrici. L-ufficjali pubblici kollha tad-Dipartiment tal-Artijiet li gew imharrka biex jixhdu jew mill-attur jew mill-konvenuti, kollha xehdu li l-ghalqa kienet kollha tal-Gvern. Naturalment, il-konvenuti ukoll kellhom interess li jressqu provi li l-ghalqa hi proprjeta tal-Gvern.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attur, li abbazi tal-gurisprudenza fuq citata, hu mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tad-Direttur tal-Artijiet, u cioe' l-kjamat fil-kawza, peress li l-konvenuti ghandhom l-istess proprjeta' mqabbla ghandhom.

Izda madanakollu, fil-fehma konsiderata ta' dina l-Qorti, l-attur ma rnexxielux jipprova li ghandu titolu ahjar minn dak tad-Direttur tal-Artijiet, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Fil-kuntratt ta' akkwist tal-att tas-6 ta' Lulju, 1979 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, il-provenjenza tal-ghalqa denominata Tal-Brolli li akkwista b'dak il-kuntratt, hija indikata li giet akkwistata mill-venditur tal-attur permezz ta' assenjazzjoni b'kuntratt ta' divizjoni ippubblikat fl-1969. Issa huwa pacifiku li kuntratt ta' divizjoni ma jikkostitwix titolu. Ghalhekk m'hemmx prova minn fejn l-venditur akkwista t-titolu ta' proprjeta fuq l-ghalqa li biegh lill-attur.
2. Ghalkemm il-kuntratt ta' akkwist tal-attur jghid biss li hu akkwista l-ghalqa denominata "Tal-Brolli", fil-kuntrada tal-istess isem fil-limiti ta' Birzebbuga, fl-avviz hu jghid li xtara l-ghalqa maghrufa "Ta' Dar il-Hmar" u r-razzett li hemm fiha maghrufa bhala "Ta' Skaramb," li tidher mmarkata bil-kulur roza fil-pjanta annessa mal-istess avviz.[14]

[14] Ara fol.2 tal-process.

3. Inoltre, l-attur jibbaza t-titolu ukoll is-site plan mhejjija mill-Perit Stephen Mangion,[15] liema pjanta saret wara li gie ippubblikat il-kuntratt tal-akkwist. Ma hemmx bzonn li tkun perit biex tinduna li l-konfigurazzjoni tal-ghalqa fil-pjanta annessa mal-avviz u l-konfigurazzjoni tas-site plan imhejji mill-Perit Stephen Mangion ma jaqblux. Fuq kollox, imbaghad, ix-xhieda tal-istess Perit Mangion mhix wahda konklussiva u aktar tixhed dubbju fuq il-kaz tal-attur. Fl-affidavit tieghu, il-Perit jghid hekk: *““Dan kollu igeghlni nahseb illi probabbli saret “survey” (jew kejl) tal-art peress illi t-titolu ta' din il-pjanta huwa dan, izda dan ma niftakrux. Il-pjanta deskritta fuq hija biss estratt tal-ordinance survey sheets tad-dipartiment tax-xogholijiet u mhix is-survey innifisha. Kien ikun normali illi ahna, apparti mill-pjanta tas-survey attwali, kien ikollna pjanta ohra, bhal mhi din, illi turi l-lokazzjoni tal-art.”*[16] Aktar minn hekk, l-attur stess jammetti li kien Joseph Zammit Tabona, il-prokuratur tal-venditur, li kien inkariga lill-Perit Stephen Mangion u li kien tah l-istruzzjonijiet u qallu x'ghandu jaghmel u fejn ikejjel. Dan ovvjament jikkrea dubbju serju kemm is-site plan u l-kejl tal-Perit Mangion huma precizi.

4. Dawn il-provi prodotti mill-attur m'huma xejn konvincenti u bla ebda mod jipprovaw li l-attur kien akkwista din l-ghalqa, flimkien mar-razzett, mertu tal-vertenza odjerna. Fil-fatt, il-konfigurazzjoni tal-ghalqa fiz-zewg site-plans ezebiti mir-rapprezentanti tad-Dipartiment – wahda a fol. 25 u l-ohra a fol. 128 tal-process – u li d-Dipartiment jghid li tappartjeni lilu, ma jaqblux mal-konfigurazzjoni tal-ghalqa fis-site plan annessa mal-avviz u fis-site-plan tal-Perit Mangion.

5. L-attur jissottometti li t-titolu tieghu huwa anke kkonfermata mix-xhieda ta' Fiona Grech, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Artijiet fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2004. Pero' x-xhieda tal-istess xhud tohloq aktar konfuzjoni fuq is-sahha tal-provi tal-attur. Hija tispjega li l-ewwel registrazzjoni in konnessjoni ma' dina r-raba saret fis-27 ta' Frar, 1969 fuq Manwel Camilleri. Imbaghad hija tghid ukoll li fis-sena 2002, giet registrata fuq Carmelo Camilleri u cioe' fiz-zewg kazijiet, il-konvenuti. Ir-registrazzjoni taz-zewg konvenuti hemm indikat li l-art hija proprjeta tal-Gvern, u in partikolari f'dik tal-konvenut Carmelo Camilleri in-numru tal-file tal-Gvern huwa

[15] Ara fol.49 tal-process.
[16] Ara affidavit tal-Perit Stephen Mangion a fol.88 tal-process.

indikat 588/63, li huwa in-numru tal-file tad-Dipartiment tal-Artijiet kif hemm imnizzel fis-site-plan minnu ezebita a fol. 25 tal-process.

6. L-attur harrek bhala xhieda ufficjali ohrajn mid-Dipartiment tal-Artijiet, imma frankament, fl-ahjar ipotesi ghall-attur ma avvallawx it-tezi tieghu.

7. Pjuttost, ix-xhieda prodotta mill-attur mid-Dipartiment tal-Artijiet, aktar isahhah il-posizzjoni tal-konvenuti u l-kjamat fil-kawza bhala proprjetarju tal-art in kontestazzjoni. Ix-xhud Deguara jaghti l-istorja tat-transferiment tal-ghalqa fl-inhawi ta' Brolli, f'Birzebbuga, fil-vicinanzi tar-razzett Ta' Skaramb. Il-Gvern kien sid tal-art u kienet inghatat b'cens ghal 99 sena ghand Felic Mifsud fl-1864. Irrizulta wkoll li Mose Camilleri kien akkwista ir-rimanenti utile dominium fl-1948. Minn 1964 sal-1972 il-Gvern ta din l-art bi qbiela lil Mose' Camilleri, li mbaghad cediha lill-uliedu, u cioe' lill-konvenuti.

8. Ta' importanza kbira hija x-xhieda ta' Karl Borg, prodott mill-konvenuti u in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet. Huwa esebixxa site plan a fol. 128 tal-process li tindika l-ghalqa in kwistjoni, u spjega illi dik il-parti mill-ghalqa mqabbla lill-konvenuti li l-attur qed jippretendi li hija tieghu, giet mcahhda lilu mill-Estate Management Department. Huwa xehed ukoll li d-Dipartiment kien talab lill-attur sabiex itella' xi hajt bejn l-ghalqa in kwistjoni u propjeta ohra tal-attur. Hu ghamilha cara li in konnessjoni mal-art delineata bl-ahmar – li l-attur jghid li parti minnha tapparjeni lilu – id-Dipartiment ma kien jirrikonoxxi lil hadd hlief lill-konvenuti.

Fid-dawl tal-provi u konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif it-talbiet tal-attur jistghu jigu milqugha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti, u tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**Magistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**